

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa minn Sächsischen Landessozialgerichts (il-Ġermanja), fit-30 ta' Lulju 2007 — Kattner Stahlbau GmbH vs Maschinenbau- und Metall-Berufsgenossenschaft

(Kawża C-350/07)

(2007/C 269/37)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Sächsischen Landessozialgerichts

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Kattner Stahlbau GmbH

Konvenuta: Maschinenbau- und Metall-Berufsgenossenschaft

Domandi preliminari

- 1) Il-konvenuta Maschinenbau- und Metall-Berufsgenossenschaft tikkostitwixxi impriża fis-sens ta' l-Artikoli 81 u 82 KE?
- 2) L-obbligu tar-rikorrenti li tirreġistra ma' l-assoċjazzjoni konvenuta jikkonstitwixxi ksur tad-dritt Komunitarju?

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichts Stuttgart (il-Ġermanja) fit-2 ta' Awissu 2007 — Kulpa Automatenervice Asperg GmbH vs Land Baden-Württemberg

(Kawża C-358/07)

(2007/C 269/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichts Stuttgart

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Kulpa Automatenervice Asperg GmbH

Konvenut: Land Baden-Württemberg

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 43 u 49 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-eżistenza ta' monopolju ta' l-Istat relattiv għal logħob ta' l-ażżard partikolari, bħal per eżempju mħatri dwar l-isports u lotteriji, fejn fl-Istat Membru kkonċernat ma teżistix politika koerenti u sistematika sabiex tillimita l-logħob ta' l-ażżard, minħabba li l-organizzaturi li jkunu ngħataw

liċenzja mill-Istat jinkoraġġixxu u jirreklamaw il-parteciżazzjoni f'logħob ta' l-ażżard ieħor — bħall-imħatri dwar l-isports u lotteriji ta' l-Istat — u, minbarra dan, minħabba li logħob ieħor li potenzjalment jista' joħloq l-istess livell jew livell ogħla ta' riskju ta' dipendenza — bħall-imħatri fuq avvenimenti sportivi partikolari (tiġrijet taż-żwiemel), is-slot machines u l-logħob fil-każinò — jista' jiġi pprovdut minn fornituri ta' servizzi privati?

- 2) L-Artikoli 43 u 49 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-korpi statali kompetenti ta' l-Istati Membri għall-organizzazzjoni ta' mħatri dwar l-isports, li mhumex limitati għat-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat, jagħtu dritt lid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni u lit-terzi inkarigati minnu li jagħmlu u jimplementaw offerti għall-konklużjoni ta' kuntratti anki fit-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjonijiet nazżjonali addizzjonali?

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichts Stuttgart (il-Ġermanja) fit-2 ta' Awissu 2007 — SOBO Sport & Entertainment GmbH vs Land Baden-Württemberg

(Kawża C-359/07)

(2007/C 269/39)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichts Stuttgart

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SOBO Sport & Entertainment GmbH

Konvenut: Land Baden-Württemberg

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 43 u 49 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-eżistenza ta' monopolju ta' l-Istat relattiv għal logħob ta' l-ażżard partikolari, bħal per eżempju mħatri dwar l-isports u lotteriji, fejn fl-Istat Membru kkonċernat ma teżistix politika koerenti u sistematika sabiex tillimita l-logħob ta' l-ażżard, minħabba li l-organizzaturi li jkunu ngħataw liċenzja mill-Istat jinkoraġġixxu u jirreklamaw il-parteciżazzjoni f'logħob ta' l-ażżard ieħor — bħall-imħatri dwar l-isports u lotteriji ta' l-Istat — u, minbarra dan, minħabba li logħob ieħor li potenzjalment jista' joħloq l-istess livell jew livell ogħla ta' riskju ta' dipendenza — bħall-imħatri fuq avvenimenti sportivi partikolari (tiġrijet taż-żwiemel), is-slot machines u l-logħob fil-każinò — jista' jiġi pprovdut minn fornituri ta' servizzi privati?